MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Numru 375/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

David Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kompilati kontra l-imputat David Azzopardi ta' karta ta' identita' numru 2468(M), akkuzat:

B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda;

Talli nhar id-9 ta' Mejju 2004 kmieni filghodu gewwa Triq Ball Paceville, San Giljan minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti

ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marie Claire Calleja minn Santa Venera skond kif iccertifikat Dr Malcolm Borg tal-Isptar San Luqa u dan ai terminu tal-Artikoli 214, 216 (1)(a)(b), 218 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-Mary Claire Calleja sabiex jingurjaha, iddejjaqa jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa Paceville San Giljan volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli nhar it-28 ta’ Settembru, 2003 gewwa Bormla minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marie Calire Calleja minn Santa Venera skond kif iccertifika Dr Malcolm Borg tal-Isptar San Luqa u dan ai terminu tal-Artikoli 214, 216 (1)(a)(b), 218 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali permezz ta’ liema bghatt lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi fuq il-htija o meno tal-imputat fit-termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex xhieda ohra x’tipproduci.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti.
Rat a folio 23 ir-rikors tal-parti leza li kienet tikkostiwixxi ruhha parti civile.

Rat dik ix-xhieda tal-kwerelanta moghtija fit-8 ta’ Novembru 2004, folio 71 fejn irrinunzjat ghal kull haga li hija rinunzjabbli.

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-att tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Marie Claire Calleja skond l-Artikolu 214, 215, 216, 217, 218 tal-Kap 9. Hu wkoll akkuzat bl-offizi kontravenzjonali li kiser il-mistrieh u l-paci pubblika u li hebb ghall-istess Marie Claire Calleja.

Stante rinunzja da parti tal-parti leza ghal dak li hu rinunzjabbli hu ghalhekk mehtieg biss ezami dwar jekk il-feriti humiex ta' entita' gravi jew hfief billi fil-konfront tal-offiza kontravenzjonali taht l-Artikolu 339(d) l-azzjoni tinsab estinta waqt li fil-konfront tal-offiza taht l-Artikolu 338(dd) in mankanza ta' l-apprensjoni f'terzi jew ukoll hsara lill-proprejta' l-offiza ma treggix.

Issa, dwar l-entita' tal-feriti xehdu xi tobba u gew esebiti bosta certifikati medici. Ir-risultanzi huma li fir-rigward l-incident tat-28 ta' Settembru tas-sena l-ohra l-feriti subiti mill-kwerelanta kienu ta' entita' hafifa waqt li jistghu wkoll jigu identifikati bhala hfief l-feriti konsegwenza tal-incident tad-9 ta' Mejju, 2004. Fir-rigward dawn l-ahhar feriti ghalkemm jirrisulta folio 17 certifikat mediku li jiddeskrivihom bhala serji, difatti anke l-Qorti meta xehdet l-kwerelanta appena gimgha mill-perkussjonijiet minnha subiti rriskontrat marka taht ghajnejha tax-xellug jibqa l-fatt li t-tabib li hareg ic-certifikat mediku riferit ma xehdx f'dawn il-proceduri u l-kwerelanta stess meta xehdet sussegwentement, precizament fit-8 ta' Novembru 2004, stqarret espressament li l-feriti li kienet soffriet, konsistenti f'tbengil fuq il-wicc u partijiet ohra tal-persuna taghha u wkoll ksur f'imnieherha fiqu qabel t-tletin gurnata. Fuq l-istregwa ta' dan, il-Qorti mhux qeghdha tirrijavvisa li illum ghad jesistu l-feriti gravi.

Ghaldaqstant u fuq ir-rinunzja tal-kwerelanta billi l-feriti riskontrati kienu ta' natura hafifa, kif fuq intqal, tiddikjara procediment esawrit fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza fil-waqt li tillibera lill-imputat mit-tieni.

Tordna izda l-hrug ta' garanzija personali kontra l-imputat li ma jimmolestax jew javvicina lill-kwerelanta jew familjari taghha taht penali ta' Lm100 u ghal zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------